



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2020  
(OR. en)

8521/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0113(COD)**

---

---

**MI 151**  
**ENV 323**  
**ENT 50**  
**CODEC 453**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Kummissjoni Ewropea                                                                                                                                                                                            |
| data meta waslet: | 3 ta' Ġunju 2020                                                                                                                                                                                               |
| lil:              | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                               |
| Nru dok. Cion:    | COM(2020) 233 final                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 233 final.

Mehmuż: COM(2020) 233 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2020  
COM(2020) 233 final

2020/0113 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji  
tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-pandemija tal-COVID-19 qed tikkawża tfixkil kbir fil-katina tal-provvista, u dan qed ikollu impatt fuq il-kapaċità tal-manifatturi tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq (NRMM) li jilhqax xi wħud mid-dati ta' skadenza imposti mir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.

Ir-Regolament jistabbilixxi limiti ġodda tal-emissjonijiet, indikati bħala "Stadju V", li huma ddisinjati biex inaqqsu l-emissjonijiet attwali ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja minn magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq. Fid-dawl tal-isfida strutturali biex ċerti manifatturi jaqilbu għal-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V, ir-Regolament jipprevedi ċertu ammont ta' żmien biex din it-tranżizzjoni sseħħ.

Skont il-perjodi ta' tranżizzjoni previsti fl-Artikolu 58(5) u d-dati stabbiliti fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, il-manifatturi għandhom sat-30 ta' Ġunju 2020 biex jipproduċu NRMM mġhamra bil-magni ta' tranżizzjoni tal-kategoriji li ġejjin: NRE fil-medda ta' potenza  $< 56$  kW u  $\geq 130$  kW, NRG, NRSh, NRS, IWP u IWA fil-medda ta' potenza  $19 \leq P < 300$ , SMB u ATS. Imbagħad għandhom sal-31 ta' Diċembru 2020 biex iqiegħdu dawk il-magni fis-suq tal-Unjoni.

Madankollu, it-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawżat interruzzjonijiet totali fil-forniment ta' parts u komponenti, u l-manifatturi tħallew bi stokkijiet ta' magni u ta' prodotti mhux lesti. Il-konsegwenza ta' dan it-tfixkil hija li ħafna manifatturi tal-magni u tal-makkinarju mhux se jkun jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti hawn fuq mingħajr ma jsofru ħsarat ekonomiċi serji.

Fid-dawl ta' dan it-tfixkil li ma setax jiġi previst, id-dati għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' NRMM u tratturi mġhamra b'magni ta' tranżizzjoni huwa pospost bi tnax-il xahar. Dan il-posponiment ma japplikax għal magni ta' tranżizzjoni koperti mid-dati speċifikati fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' subparagrafi tal-Artikolu 58(5).

L-estensjoni ta' 12-il xahar hija meħtieġa minħabba l-istaġjonalità tal-prodotti li fihom se jiġu installati l-magni ta' tranżizzjoni. Dan huwa partikolarment il-każ għat-tratturi u t-tagħmir tal-ġonna. Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed ibassar id-durata eżatta tad-dewmien fit-tlestija tal-oġġetti milquta (eż. bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni). Fl-aħħar nett, ta' min wieħed jinnota li, irrispettivament mit-tul tal-estensjoni, l-operaturi ekonomiċi mhu se jkollhom l-ebda interess li jdewmu aktar it-tlestija u t-tqegħid fis-suq tal-makkinarju, tal-vetturi u tal-bastimenti li għalihom diġà ġarrbu l-ispejjeż.

### **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

#### **• Bażi ġuridika**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

#### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika billi l-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

Billi l-proposta tinvolvi emendi fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, hija biss l-UE li tista' tindirizza l-kwistjonijiet b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-għanijiet politiċi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed bl-azzjonijiet tal-Istati Membri.

L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea hija meħtieġa sabiex jiġi evitat li jinħolqu l-ostakli għas-suq uniku, b'mod partikolari fil-qasam tal-magni għall-NRMM u minħabba n-natura transnazzjonali tat-tniġġis tal-arja.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tilħaq l-għanijiet li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm livell għoli ta' sikurezza pubblika u protezzjoni ambjentali. It-tul tal-estensjoni proposta huwa proporzjonat mad-durata mistennija tat-tfixkil minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament li jemenda Regolament

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt separata, minħabba li diġà saret valutazzjoni tal-impatt għar-Regolament (UE) 2016/1628. Din il-proposta ma tibdilx is-sustanza ta' dak ir-Regolament u ma timponix obbligi ġodda fuq il-partijiet ikkonċernati. Hija mmirata primarjament biex tipprovdi, għal raġunijiet eċċezzjonali fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, estensjoni ta' tnax-il xahar għall-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' magni ta' tranżizzjoni u tal-makkinarju mgħammar bihom. Il-proposta ma għandha l-ebda effett ambjentali peress li l-miżuri jiffaċilitaw it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti mgħammra b'magni prodotti qabel il-pandemija. Tevita wkoll il-ħtieġa li oġġetti mgħammra b'dawn il-magni, li fin-nuqqas tagħha ma jkunux konformi, jiġu skrappjati.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandhiex impatt baġitarju għall-istituzzjonijiet tal-UE.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.
- (2) Id-dati applikabbli għal-limiti l-ġodda tal-emissjonijiet, identifikati bħala “Stadju V” huma stabbiliti biex il-manifatturi jingħataw informazzjoni ċara u komprensiva, kif ukoll perjodu ta’ żmien xieraq għat-tranżizzjoni lejn l-istadju l-ġdid tal-emissjonijiet, filwaqt li l-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni jitnaqqas b’mod sostanzjali.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil fil-katina tal-provvista ta’ parts u komponenti kritiċi, u dan wassal għal dewmien għall-magni u għall-makkinarju mġammar b’dawk il-magni li jikkonformaw ma’ limiti ta’ emissjonijiet inqas stretti minn dawk tal-Istadju V u li jeħtieġ jitqiegħdu fis-suq qabel id-dati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628.
- (4) Fid-dawl tat-tfixkil ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, huwa probabbli ħafna li l-manifatturi tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ma jkunux jistgħu jiżguraw li l-magni u l-makkinarju mġammar b’dawk il-magni li jibbenefikaw mill-perjodu ta’ tranżizzjoni jirrispettaw l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 mingħajr ma jsofru ħsarat ekonomiċi serji.

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

- (5) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat tfixkil potenzjali tas-suq, jeħtieġ li d-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (UE) 2016/1628 jiġu emendati.
- (6) Minħabba li l-estensjoni mhi se jkollha l-ebda impatt ambjentali peress li l-magni ta' tranżizzjoni kkonċernati diġà ġew prodotti, flimkien mal-fatt li huwa diffiċli li tiġi mbassra d-durata eżatta tad-dewmien ikkawżat mit-tfixkil tal-COVID-19, l-estensjoni tal-iskadenzi rilevanti jenħtieġ li tkun ta' 12-il xahar.
- (7) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament (UE) 2016/1628 għal ċerti magni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020 u li l-manifatturi għandhom sat-30 ta' Ġunju 2020 biex jipproduċu magni ta' tranżizzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (8) Minħabba l-urġenza, tqies li jixraq li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Minħabba l-urġenza tal-appoġġ meħtieġ, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2016/1628 huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:
  - (a) fit-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
 

“Għal magni tas-subkategoriji NRE li għalihom id-data stabbilita fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni tal-Istadju V hija l-1 ta' Jannar 2020, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni u tal-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għal 12-il xahar addizzjonali għall-OEMs bi produzzjoni annwali totali ta' inqas minn 100 unità ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq mġammar b'magni tal-kombustjoni interna.”;
  - (b) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
 

“Għal magni tas-subkategoriji NRE li għalihom id-data stabbilita fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni tal-Istadju V hija l-1 ta' Jannar 2020, li jintużaw fil-krejnijiet mobbli, il-perjodu ta' tranżizzjoni u l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu estiżi bi 12-il xahar.”;
  - (c) jiżdied il-ħames subparagrafu li ġej:
 

“Għal magni tas-subkategoriji kollha li għalihom id-data stabbilita fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni tal-Istadju V hija l-1 ta' Jannar 2019, minbarra l-magni msemmija fir-raba' subparagrafu, il-perjodu tranżitorju u l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu estiżi bi 12-il xahar.”;

(2) fil-paragrafu 7, jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) 36 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ previst fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 5”.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*